**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 110**

It-Tnejn, 17 ta' April 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg u l-Onor. Ray Abela kienu skużati.

L-Onor. Alex Muscat kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 109 li saret fid-29 ta' Marzu 2023 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba:

- tal-Onor. Ray Abela sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduti 65 u 66 tal-5 ta' Diċembru 2022 u fis-Seduti 67 u 68 tas-6 u s-7 ta' Diċembru 2022 rispettivament;
- tal-Onor. Justin Schembri sabiex ma jidhirx bħala assenti fil-Minuti tas-Seduta 74 tal-11 ta' Jannar 2023 u tas-Seduta 107 tas-27 ta' Marzu 2023;
- tal-Onor. Silvio Schembri sabiex jidher bħala Msiefer fuq Xogħol tal-Gvern fil-Minuti tas-Seduti 86 u 87 tas-7 u t-8 ta' Frar 2023 rispettivament; u
- tal-Onor. Carmelo Abela sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduta 88 tat-13 ta' Frar 2023,

u ordnat illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**DEĊIŻJONI TAS-SEDJA**

L-Ispeaker ta ruling fuq ilment tal-Onor. Robert Cutajar imqajjem fis-Seduta 109 tal-Erbgħa 29 ta' Marzu 2023 fir-rigward tal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi li nżammet l-Erbgħa 29 ta' Marzu 2023 biex tikkonsidra l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (Abbozz Nru 49).

L-Ispeaker ta wkoll ruling fuq talba mqajma mill-Onor. Michael Farrugia wkoll fis-Seduta 109 tad-29 ta' Marzu 2023 dwar rimarki magħmula mill-Onor. Karol Aquilina wara l-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi msemmija aktar qabel. Fid-dawl tal-ispjega li kien ta l-istess Onor. Aquilina fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2023, is-Sedja talbitu sabiex jirtira l-kliem li tqajmu oġġezzjoni għalihom mill-Onor. Farrugia. L-Onor. Karol Aquilina ikkonferma illi kien qed jirtira dan il-kliem. L-Onor. Michael Farrugia ddikjara li kien qed jaċċetta dik l-ispjegazzjoni, u s-Sedja qieset il-każ bħala magħluq.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

- **Att Nru XII tal-2023** – Att tal-2023 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi; u

- **Att Nru XIII tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1581 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Bernice Bonello, l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Davina Sammut Hili fis-17-il Laqgħa Plenarja tal-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran li nżammet ġewwa l-Marokk fl-1 u t-2 ta' Marzu 2023;

P.L. 1582 Rapport tal-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni parlamentari mmexxija mill-Ispeaker u magħmula mill-Onor. Deo Debattista, l-Onor. Katya De Giovanni u l-Onor. Toni Bezzina, għal żjara uffiċjali ġewwa Budapest bejn it-12 u l-14 ta' April 2023;

P.L. 1583 Kopja ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet "Nigel Key noe vs Avukat tal-Istat et", Rikors numru 224/21TA, li ġiet mgħoddija lis-Sedja għall-finijiet tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 27 ta' Marzu 2023;

P.L. 1584 Kopja ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) datata 22 ta' April 2022, u dik tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2023 fl-appell numru 247/21/1 LM fl-ismijiet "Agnes Pace et vs Avukat tal-Istat et" li ġew mgħoddija lis-Sedja għall-finijiet tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

P.L. 1585 Kopja ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) datata 14 ta' Lulju 2022, u dik tal-Appell tad-29 ta' Marzu 2023 fl-appell numru 184/21/1/TA fl-ismijiet "Joseph Galea vs Avukat tal-Istat et" li ġew mgħoddija lis-Sedja għall-finijiet tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

P.L. 1586 Rapport Annwali tal-Verifika tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2022 għall-finijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet (Kap. 563);

P.L. 1587 Kopja ta' riżoluzzjoni li ġiet approvata fil-Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti tal-25 ta' Marzu 2023 u li ġiet mibgħuta lis-Sedja b'ittra datata 28 ta' Marzu 2023;

P.L. 1588 Kopja ta' rapport imħejji mill-Administration Committee tal-House of Commons tar-Renju Unit bl-isem *Smoothing the cliff edge: supporting MPs at their point of departure from elected office*, li ġie mibgħut lis-Sedja miċ-Chairperson ta' dan il-Kumitat, Sir Charles Walker, b'ittra datata 13 ta' Marzu 2023;

P.L. 1589 Tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 20 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar talbiet għal investigazzjonijiet pendenti quddiem il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika;

P.L. 1590 Ħarġa 6 tar-rivista *One Voice – Official Voice of the National Federation for the disability sector*, datata Jannar 2023; u

P.L. 1591 Rapport maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea bl-isem *L-UE fl-2022 – Rapport ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea* ppubblikat skont l-Artikolu 249(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 7288 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1592 Avviż Legali Nru 80 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Komunikazzjonijiet ta' Emerġenza, is-Servizz Uniku Ewropew ta' Sejħiet ta' Emerġenza (Numru "112") u s-Servizzi Armonizzati Ewropej b'Valur Soċjali (Medda ta' Numri "116").

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1593 Avviż Legali Nru 82 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Diviżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni; u

P.L. 1594 It-Tmien Rapport Annwali dwar l-Individual Investor Programme (IIP) tal-Gvern ta' Malta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Regolatur tal-istess programm (OR-GCES) f'Ġunju 2022 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021, skont l-artikolu 25(8) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kap. 188.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1595 Avviż Legali Nru 85 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

P.L. 1596 Avviż Legali Nru 86 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja;

P.L. 1597 Rapport annwali tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sena 2022;

P.L. 1598 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu għas-sena 2022; u

P.L. 1599 Rapport Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għas-sena 2022.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1600 Rapport mill-Environmental Monitoring Services Ltd dwar il-permess PA 6236/08 - Mistra Village, Xemxija Hill St Paul's Bay - datat 3 ta' Frar 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7791;

P.L. 1601 Tabella li turi tagħrif dwar periti jew id-ditti ta' periti mqabbdin mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) sabiex jirrevedu l-method statements li jkunu sottomessi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7829;

P.L. 1602 Pjanti li juru x-xogħlijiet ta' restawr li ser isiru fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7928;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1603 Tabella li turi spejjeż marbuta mas-severance package tal-Eks Prim Ministri għas-sena 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7795;

P.L. 1604 Kopja tad-dokument *Manual on Work-Life Balance Measures* datat 30 ta' Marzu 2023, kopja tal-*Linji Gwida għall-Prattiċi Moderni fuq il-Post tax-Xogħol* datat 30 ta' Marzu 2023 u kopja tal-ktejjeb *Lejn Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol, il-Ħajja u l-Familja* datat 30 ta' Marzu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 8009;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1605 Estratt minn kuntratti ffirmati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għal superviżjoni tal-Park tal-Familja, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7960;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1606 Ċerifikati maħruġa minn Bureau Veritas fir-rigward tal-jetty li jintrabat miegħu l-Floating Storage Unit (Armada LNG Mediterrana) f'Marsaxlokk datati Ottubru 2019, Settembru 2021, April 2022, u Mejju 2022 bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7797;

P.L. 1607 Dokument maħruġ minn Transport Malta bl-isem 'Micromobility in the Maltese Transport System – Preliminary Abridged Guidelines for the Regulation of the Micromobility Class', bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7825;

P.L. 1608 Tabella li turi tagħrif dwar konsulenti fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7827;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1609 Avviż Legali Nru 78 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2023 għas-Summien);

P.L. 1610 Avviż Legali Nru 81 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (Projbizzjoni ta' Skargar għal ġo Korpi tal-Ilma ta' taħt l-Art);

P.L. 1611 Avviż Legali Nru 87 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2023 għall-Gamiem);

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1612 Lease Agreement iffirmat fl-1 ta' Frar 2023 bejn Malta Properties Co. p.l.c u l-Gvern ta' Malta għall-kiri tal-binja f'39, Triq ir-Repubblika, Rabat Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 7785;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1613 Avviż Legali Nru 83 tal-2023 – Tuta absoluta (Control) (Repeal) Regulations, 2023;

P.L. 1614 Avviż Legali Nru 84 tal-2023 – Repeal of Various Subsidiary Legislation under the Plant Quarantine Act Regulations, 2023;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1615 Rapport Annwali tal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (GRDA) għas-sena 2022; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1616 Avviż Legali Nru 70 tal-2023 – Regoli tal-2023 dwar Kreditu ta' Taxxa (Spejjeż ta' Terapija provduta lil Tfal b'Diżabilità);

P.L. 1617 Avviż Legali Nru 71 tal-2023 – Investment Services Act (Supervisory Review) (Amendment) Regulations, 2023;

P.L. 1618 Avviż Legali Nru 72 tal-2023 – Investment Services Act (Provision of Investment Services and Activities by Third-Country Firms) (Amendment) Regulations, 2023;

P.L. 1619 Avviż Legali Nru 73 tal-2023 – Investment Services Act (Supervisory Consolidation) (Capital Requirements Directive) (Amendment) Regulations, 2023;

P.L. 1620 Avviż Legali Nru 74 tal-2023 – Investment Services Act (Supervisory Review Investment Firms Directive) (Amendment) Regulations, 2023;

P.L. 1621 Avviż Legali Nru 75 tal-2023 – Supervisory Consolidation (Investment Firms Directive) (Amendment) Regulations, 2023;

P.L. 1622 Avviż Legali Nru 76 tal-2023 – Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23;

P.L. 1623 Avviż Legali Nru 77 tal-2023 – Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà;

P.L. 1624 Avviż Legali Nru 79 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku;

P.L. 1625 Stqarrijiet Finanzjarji Annwali tat-Teżor ta' Malta għas-sena 2022, maħruġa skont l-artikolu 35 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, Kap. 601; u

P.L. 1626 Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta għas-sena 2022.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont il-paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li kienet se tinżamm l-għada, it-Tlieta, 18 ta' April 2023, l-Onor. Omar Farrugia kien se jissostitwixxi lill-Onor. Alex Muscat.

**KONDOLJANZI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Gvern, u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, f'ismu u f'isem in-naħa tal-Oppożizzjoni, esprimew il-kondoljanzi tagħhom wara l-mewt tal-Eks Membru Parlamentari s-Sinjura Anne Agius Ferrante, li ġrat fil-5 ta' April 2023.

L-Ispeaker ingħaqad maż-żewġ naħat tal-Kamra fis-sentimenti espressi u talab lill-Iskrivan tal-Kamra biex iwassal il-kondoljanzi lill-familja tas-Sinjura Agius Ferrante.

P.L. 1627 Ktejjeb maħruġ mill-Uffiċċju tal-Ispeaker b'tifkira tal-Eks Deputat Anne Agius Ferrante.

**MOZZJONI GĦALL-AĠĠORNAMENT TAL-KAMRA TAĦT L-ORDNI PERMANENTI 13**

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq mozzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti b'mod immedjat il-ħatra ta' inkjesta pubblika sabiex tiddiskuti l-mewt traġika ta' Jean Paul Sofia.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni ssottometta dikjarazzjoni bil-miktub dwar dan lill-Ispeaker.

Fil-4.50 p.m. il-Kamra kienet sospiża sabiex l-Ispeaker jagħti ruling.

Fis-6.06 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ispeaker ta ruling li l-mozzjoni mill-Kap tal-Oppożizzjoni ma kinitx tissodisfa l-kweżiti tal-Ordni Permanenti 13 u għalhekk kienet qiegħda tiġi miċħuda.

**MOZZJONIJIET**

**124. SOSTITUZZJONI FIL-KOMPOŻIZZJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, ippropona:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Katya De Giovanni tinħatar President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali minflok l-Onor. Rosianne Cutajar li kienet nominata fuq l-istess Kumitat bir-riżoluzzjoni Nru 19 tas-16 ta' Mejju 2022; u

Li l-Onor. Randolph De Battista jinħatar Membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali minflok l-Onor. Katya De Giovanni li kienet nominata fuq l-istess Kumitat bir-riżoluzzjoni Nru 19 tas-16 ta' Mejju 2022.

L Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**125. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR AZZJONIJIET RAPPREŻENTATTIVI TAL-KONSUMATURI**

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, ipproponiet l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għal azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u sabiex jagħmel emendi konsegwenzjali oħrajn".

L-Onor. Romilda Zarb issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara l-ewwel darba.

**126. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA L-ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU**

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65".

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-PREVENZJONI TAL-VJOLENZA DOMESTIKA – ABBOZZ NRU 30**

Il-Kamra rriżumiet mis-seduta tad-29 ta' Marzu 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jissalvagwardja l-interessi ta' persuni li jistgħu jkunu f'riskju ta' vjolenza domestika billi jistabbilixxi proċedura li tipprovdi għall-ħruġ ta' twissija ta' riskju ta' vjolenza domestika".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julia Farrugia Portelli u l-Onor. Michael Falzon għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Graziella Galea għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-6.59 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 18 ta' April 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda.

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Abbozz 51) | Tieni Qari |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Roderick Galdes u mill-Onor. Davina Sammut Hili.

Fis-7.21 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 18 ta' April 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**